MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## IAN SPITERI BAILEY

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 562/2006

**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**DR IAN SPITERI BAILEY LL.D. LL.M.**
**GUDIKATUR**

**Seduta ta’ nhar it-Tlieta 14 ta’ Novembru 2006**

**Numru fuq il-lista :**

**Talba Numru : 562/06**

**CostaBrava Company Limited (C23803)**

**Vs**

**Frederick Schembri, u**
**Dormax Promotional Printing Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' Gunju 2006, fejn intalab li l-konvenuti solidament jew min minnhom jigu kkundannati ihallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf, erba` mija sitta u hamsin Liri Maltin (Lm1456), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Ra illi fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2006, l-Avukat John Refalo ghas-socjeta` attrici ddikjara ili kien qieghed icedi l-Avviz fil-konfront tal-konvenut Frederick Schembri, izda zamm ferm fil-konfront tas-socjeta` konvenuta Dormax Promotional Printing Limited.

Ra d-dokumenti esebiti mis-socjeta` attrici permezz ta' nota tat-3 ta' Novembru 2006.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni, la ghas-seduta tal-31 ta' Ottubru 2006 u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b)

tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal, filwaqt illi jastjeni milli jaghti gudizzju fil-konfront tal-konvenut Frederick Schembri stante illi l-kawza giet ceduta fil-konfront tieghu, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta Dormax Promotional Printing Limited thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ elf erba` mija u sitta u hamsin Liri Maltin (Lm1456), bl-interessi u bl-ispejjes kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------